**Il-Kodiċi tal-Etika**

## 1.0 L-Istqarrija Preliminari

Din il-Kodiċi tal-Etika (minn hawn ’l quddiem “il-Kodiċi”) hija gwida f’dak li għandu x’jaqsam mal-etika professjonali għal kull persuna impjegata mal-Bank Ċentrali ta’ Malta (minn hawn ’l quddiem “l-impjegati”) u sservi bħala gwida fir-rigward ta’ l-i*standard* tal-imġieba li terzi persuni jistennew meta jaħdmu mal-Bank Ċentrali ta’ Malta (il-Bank). Il-Kodiċi hi bbażata fuq, u hi mingħajr preġudizzju għat-termini tal-kuntratti individwali tal-impjegati, il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg u r-Regoli u l-Ordnijiet tal-Bank.

## 2.0 Il-Prinċipji Bażiċi

L-impjegati kollha huma mistennija li jaġixxu b’lealtà esklussiva lejn il-Bank, b’mod onest, b’mod indipendenti, b’mod imparzjali, b’diskrezzjoni u mingħajr rigward għall-interess personali, billi jħaddnu standards għoljin ta’ etika professjonali u billi jevitaw kull sitwazzjoni li tista’ twassal għal konflitt ta’ interess u sitwazzjonijiet fejn l-integrità tagħhom tista’ tkun mhedda.

2.1 Diliġenza, effiċjenza, responsabbiltà

L-impjegati kollha huma mistennija li jwettqu r-responsabbiltajiet u d-dmirijiet fdati lilhom b’diliġenza, b’effiċjenza u bl-aħjar abbiltà tagħhom. Huma mistennija li jkunu konxji mill-importanza tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom, li jieħdu f’konsiderazzjoni dak li l-pubbliku jistenna fir-rigward tal-imġieba morali tagħhom, li jaġixxu b’tali mod li l-fiduċja tal-pubbliku fil-Bank ma tittifisx, u li jikkontribwixxu għall-effiċjenza fl-amministrazzjoni tal-Bank.

2.2 Segretezza

Meta jingħaqdu l-Bank, l-impjegati jiffirmaw ‘Dikjarazzjoni ta’ Segretezza’ kif mitlub bir-regoli tal-Bank. L-impjegati kollha huma mistennija li josservaw in-natura tal-konfidenzjalità tal-informazzjoni li tinkiseb waqt il-qadi tad-dmirijiet tagħhom.

Din l-obbligu jibqa' jgħodd anke wara li individwu ma jkunx aktar impjegat mal-Bank.

## 3.0 Ir-Relazzjonijiet ma' terzi persuni

### 3.1 Rigali

L-ebda impjegat ma jista' jirċievi jew jaċċetta mingħand terzi persuni barra l-Bank jew mingħand xi subordinat kwalunkwe benefiċċji, flus jew rigali li jkunu kkunsidrati aktar minn dak suppost fiċ-ċirkustanzi u li jkollhom x'jaqsmu b'xi mod max-xogħol tal-impjegat ġewwa l-Bank.

### 3.2 Attivitajiet barra l-Bank

L-impjegati jistgħu jieħdu sehem f'attivitajiet mingħajr ħlas jew mhux ta' natura finanzjarja wara l-ħin tax-xogħol f'oqsma tal-kultura, tax-xjenza, tal-edukazzjoni, tal-isport, tal-karità, tar-reliġjon, ta' xogħol soċjali jew xogħol ta' benevolenza, sakemm li dawn l-attivitajiet ma jfixklux fil-qadi tad-dmirijiet tal-impjegati favur il-Bank. L-impjegati madankollu jridu jitolbu permess mill-Bank qabel jaċċettaw xi kariga ta' responsabbiltà f'dan ir-rigward jew xi xogħol bi ħlas ta' dan it-tip wara l-ħinijiet tax-xogħol.

L-impjegati jridu jevitaw li jidħlu f'kontroversja pubblika li tista' timbarazza lill-Bank.

### 3.3 Imħatri, Logħob ta' flus u Spekulazzjoni

L-impjegati ma jistgħux jidħlu f'imħatri, jilagħbu l-flus jew jispekulaw b'mod li jistgħu jidhru imprudenti jew li jistgħu jimbarazzaw lill-Bank.

3.4 Relazzjonijiet mal-Midja

L-impjegati m'għandhomx jagħtu intervisti jew iqassmu informazzjoni li għadha mhux pubblika minn jeddhom jew wara xi stedina mill-midja mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bank. Meta jiltaqgħu soċjalment mal-membri tal-midja, l-impjegati għandhom ikunu prudenti kemm jista' jkun fir-rigward ta' affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Bank.

## 4.0 Imġiba fil-Bank

4.1 Leatà u Kooperazzjoni

L-impjegati huma mistennija juru lealtà u kooperazzjoni u jagħmlu xogħolhom bl-aħjar abbiltà tagħhom waqt li jirrispettaw il-linji applikabbli tal-awtorità.  Huma għandhom ukoll jgħinu, jagħtu parir, ikunu onesti u trasparenti u ma jżommu l-ebda informazzjoni lura li tista' taffettwa x-xogħol tal-Bank.

4.2 Rappurtar ta' Frodi jew Nuqqas ta' Lealtà

Kull impjegat tal-Bank huwa fid-dmir li jirrapportaw mill-ewwel lis-superjur tiegħu li dan minn naħa tiegħu għandu jgħarraf b'kollox lill-*management*, kull każ jew suspett ta' frodi jew żbalji, jew serq, jew xi attività moħbija li tmur kontra, jew li mhux leali lejn l-interessi tal-Bank li qed issir minn kwalunkwe persuna.  Nuqqas li jkun jinvolvi korruzzjoni, frodi, jew serq irid ikun irrapportat ukoll lill-Awditur Intern.

4.3 Qligħ  jew Telf Personali u Konflitt ta' Interess

L-impjegati tal-Bank jridu joqogħdu lura milli jagħmlu xi forma ta' qligħ personali jew jevitaw xi telf minħabba informazzjoni privileġġata li tinkiseb waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

L-impjegati għandhom jevitaw kull sitwazzjoni li kapaċi twassal għal konflitt ta' interess.  Konflitt ta' interess jinqala' meta l-impjegati jkollhom interessi privati jew

personali li jistgħu jinfluwenzaw jew jidhru li jinfluwenzaw il-qadi imparzjali u oġġettiv ta' dmirijiethom.

Qligħ jew telf personali u interess privat jew potenzjali jfissru kull vantaġġ potenzjali li jista' jwassal għal benefiċċju finanzjarju jew f'benefiċċju ieħor għalihom infushom, għall-familji tagħhom, għall-qrabathom oħrajn jew għall-ħbiebhom jew il-konoxxenzi tagħhom.

L-impjegati għandhom jiddikkjaraw mill-ewwel bil-miktub lis-superjur tagħhom li dan minn naħa tiegħu għandu jgħarraf b'kollox lill-*management*, kull każ fejn huma jkunu se jagħmlu xi qligħ personali jew inaqqsu xi telf u anke kull konflitt ta' interess. Dikjarazzjoni ta' interess ma tistax tkun ikkunsidrata li tieħu post l-immaniġġjar u/jew li jissolvew il-konflitti ta' interess.

4.4 Diffikultajiet Finanzjarji

Impjegat li jiġi fi problemi finanzjarji jrid jirraporta immedjatament il-każ lill-Bank.

4.5 Obbligi Finanzjarji

L-impjegati ma jistgħux, mingħajr il-kunsens minn qabel tal-Bank, jissellfu jew isellfu flus jew jidħlu f'garanziji ħlief f'każijiet fejn l-impjegat isellef lil xi membru tal-familja immedjata tal-impjegat għall-raġunijiet personali jew f'każijiet fejn is-self ikun iggarantit.

4.6 Self Mhux Garantit

Il-Bank ma jistax jagħti jew jippermetti li xi impjegati minn tiegħu jkollhom self jew xi dejn mhux garantit li fit-total tagħhom jaqbżu s-salarju ta' tnax-il xahar ta' dak l-impjegat.